# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.22

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR IT-TMEXXIJA TA' KOMPETIZZJONIJIET U L-GĦOTI TA' PREMJIJIET FIL-MEZZI TAX-XANDIR

28 ta' Novembru, 2008

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 1051 ta' l-2008, kif emendat XVI tal-2018.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar it-Tmexxija ta' Kompetizzjonijiet u l-għoti ta' Premjijiet fil-Mezzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** Introduzzjoni u Għan

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta. *Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

1.2 Dawn il-Ħtiġiet saru biex juru kif:

1.2.1 għandhom jitmexxew il-kompetizzjonijiet li jinżammu fuq il-mezzi tax-xandir, kemm fit-televiżjoni kif ukoll fir-radju; u

1.2.2 jingħataw il-premjijiet lill-parteċipanti f'dawk il-programmi li jixxandru fuq kull mezz tax-xandir u li fihom il-parteċipanti jieħdu sehem f'xi waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet:

i. bit-*televoting*,

ii. bit-telefonati,

iii. billi tkun membru ta' l-udjenza fl-istudjo waqt il-programm jew

iv. bil-kitba wkoll bl-*e-mail* jew bil-*fax*.

1.2.3 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament. Kap.583.

**2.** Tifsir

2.1 "Parteċipant" tfisser kull min b'xi mod, hu liema hu, jieħu sehem f'kompetizzjoni li tkun qed issir waqt programm fuq kull xorta ta' mezz tax-xandir.

**3.** It-tmexxija tal-kompetizzjoni

3.1. Il-kompetizzjonijiet għandhom jitmexxew bil-ħaqq u skond ir-regoli magħrufa. Il-parteċipanti jridu jkunu jafu sewwa r-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll x-xorta ta' premjijiet li ser jingħataw. *Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

3.2. Kemm jista' jkun il-mistoqsijiet għandhom ikunu marbuta

mal-ħsieb tal-programm li fih isiru. Jekk jirreferu għall-prodotti jew servizzi ta' min jimmanifattura l-premju jew tad-donatur, għandhom jintqiesu bħala reklam u għandu jidher l-kliem "Messaġġ Promozzjonali" fuq l-iskrin meta jkun programm televiżiv, jew fil-każ li l-programm ikun bir-radjo, ix-xandar għandu jħabbru bil-kliem: "Issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li hi parti minn messaġġ promozzjonali."

3.3 Fejn dan il-premju jinvolvi ħlas ta' taxxa bħalma hi, ngħidu aħna, fil-każ ta' biljett ta' l-ajru, għandu jiġi indikat li jkunu jridu jitħallsu t-taxxi dovuti.

Kap.583.

3.4 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament.

*Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

**4.** Meta jissemma l-prodott tad-donatur jew tal-premju

4.1 Min jagħmel reklam jista' jagħti premjijiet minn prodotti u/jew servizzi tiegħu stess. Meta jkun hemm raġuni editorjali, l-isem tad-donatur jew tal-prodott tal-premju jkun jista' jissemma wkoll b'xi referenzi qosra fattwali u/jew viżivi li ma jeħdux aktar minn 7 sekondi. Ma għandhomx jingħataw deskrizzjonijiet li jirreklamaw il-prodott.

Kap.583.

4.2 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament.

*Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

**5.** Ir-responsabbilità tax-xandar

5.1. Xandar li l-istazzjon tiegħu qed iniedi programm li fih jingħataw il-premjijiet, hu direttament responsabbli għall-kompetizzjoni kif ukoll għall-għoti tal-premjijiet lir-rebbieħa.

5.2. Ix-xandar għandu jassigura li r-rebbieħa tal-premjijiet għandhom jitħabbru fl-edizzjoni li tkun tmiss tal-programm wara li tkun għalqet il-kompetizzjoni u f'każ li l-kompetizzjoni tiġi fi tmiemha fl-aħħar ta' l-iskeda tal-programmi, waqt l-aħħar programm ta' dik l-iskeda. Il-premju għandu jingħata sa xahar mit-tħabbir tar-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni.

5.3. Ix-xandar għandu r-responsabbilità jara li l-premjijiet jingħataw kif tħabbru waqt il-programm u kif mistħoqq lill-parteċipant rebbieħ.

Kap.583.

5.4 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament.

*Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

**6.** L-għoti ta' vawċer bi premju

6.1 Meta l-premju jkun jikkonsisti f'vawċer, ir-rebbieħ ikun intitolat għall-valur sħiħ ta' dik il-vawċer bla ebda ħtieġa li jkollu jħallas flus żejda biex jagħmel użu minnha.

6.2 Meta l-premju jkun jikkonsisti f'vawċer iżda jingħata fi prodotti u/jew servizzi, il-prodotti u/jew servizzi mogħtija jridu jkunu jiswew daqs il-valur totali tal-vawċer.

6.3 Ma għandu jingħata ebda skont fil-prezz jew valur ta' prodott jew servizz mixtri.

Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament. Kap.583.

**7.** Il-prezz tat-telefonata u ta' *sms* għandu jixxandar

7.1 Meta l-prezz tat-telefonata jew ta' l-*sms* ikun ogħla mit-tariffa normali pubblikata, kull promozzjoni li ssir għal xi kompetizzjoni mxandra jew reklamata għandha tagħti l-prezz tat-telefonata jew ta' l-*sms*, skond il-każ. Jekk xi parti mill-ħlas tat-telefonata jew ta' l-*sms*, skond il-każ, ser tingħata għal xi kawża li minnha mhux ser isir qligħ, din il-parti trid tkun ukoll speċifikata.

**8.** Il-kunfidenzjalità

8.1 Ix-xandar irid jara li bl-ebda mod ma tinkiser il-kunfidenzjalità u li ebda parteċipant ma jingħata vantaġġ fuq parteċipanti oħra.

**9.** Ir-regoli twal u komplikati

9.1 Il-kompetizzjonijiet ma għandux ikollhom regoli twal u komplikati.

**10.** L-informazzjoni li għandha tingħata *Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

10.1 Il-materjal promozzjonali dwar il-kompetizzjonijiet irid jagħti t-tagħrif kollu li jista' b'xi mod jolqot id-deċiżjoni għall-parteċipazzjoni u f'kull każ għandu jinkludi:

i. Data/i meta tagħlaq,

ii. Termini u kondizzjonijiet importanti kif ukoll restrizzjonijiet dwar l-eliġibilità biex wieħed jieħu sehem,

iii. Deskrizzjoni adegwata u ċara biżżejjed tal-premjijiet li jkunu ser jintrebħu,

iv. Kif u meta r-rebbieħa għandhom ikunu infurmati.

10.2 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament. Kap.583

**11.** Id-data ta' l-għeluq *Emendat: XVI.2018. ir-Raba' Skeda.*

11.1 Għandu jkun hemm data ta' l-għeluq għall-kompetizzjonijiet kollha ħlief għal dawk fejn ir-rebbieħa tal-premjijiet jitħabbru waqt il-programm stess.

11.2 Iżda fit-twettiq ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu osservati l-Att dwar il-Logħob u l-istrumenti regolatorji magħmulin taħtu li jkun applikabbli għal dan ir-regolament. Kap.583.

**12.** Ma għandhomx jieħdu sehem, impjegati eċċ.

12.1 Impjegati tax-xandar, ta' aġenzija tar-reklamar, sponsers tal-kompetizzjoni, jew dawk involuti direttament fil-produzzjoni jew preżentazzjoni ta' programm li fih tixxandar il-kompetizzjoni,

jew dawk li jiġu mill-qrib minn tal-familja, ma għandhomx awtomatikament jitħallew jieħdu sehem f 'xi kompetizzjoni mxandra fuq dak l-istazzjon.

**13.** Kwiżżijiet

13.1 F'każ ta' kwiż ix-xandara għandhom jiżguraw li ma jsaqsu l-ebda mistoqsija dwar prodott jew servizz kummerċjali partikolari u li kull domanda li ssir, sew direttament jew indirettament, m'għandux jkollha x'taqsam ma' prodott jew servizz kummerċjali.

13.2 Għall-fini ta' dan il-paragrafu prodott jew servizz kummerċjali tinkludi referenza għal *brand name* ta' kumpannija jew intrapriża kummerċjali oħra li timporta, tbiegħ, tiddistribwixxi jew xort'oħra tipproduċi xi prodott jew servizz.